## 1 ta' Ġunju, 1990

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

L-Avukat Dottor John Mamo *noe*

*versus*

Edward Borg *pro et noe*

## Tpaċija – Djun Likwidi u Ċerti – Dejn Kontestat

*It-tpaċija sseħħ ipso iure, anke mingħajr ma jkunu jafu l-partijiet: hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor safejn ikunu ndaqs. Iżda t-tpaċija ma sseħħx ipso iure jekk iż-żewġt idjun ma jkunux it-tnejn likwidi u ċerti: lanqas ma sseħħ jekk wieħed mid-djun ma hux ammess mill-parti l-oħra.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, fil-kwalità tiegħu hawn fuq imsemmija, wara li ppremetta illi fi tliet okkażjonijiet separati bejn Frar u Mejju 1976 is-soċjetà attriċi biegħet u kkunsinnat lill-konvenut partiti ta' *Tia Maria Jamaican Liqueur* bil-prezz nett rispettiv ta' Liri Sterlini elfejn erba' mija u tmenin u tmienja u tmenin *pence* (2,480.88) u Dollari Amerikani tmint elef mitejn u erbgħa u sittin u wieħed u tmenin *cents* (8,264.81), kif jidher mill-fatturi dokumenti B, C, u D rispettivament inseriti fid-dokument E, liema fatturi kellhom, kif jidher fihom stess, jitħallasu *net cash against documents;* illi mill-ammonti hekk dovuti lill-attur *nomine*, il-konvenut, fil-25 ta' Lulju 1977, ħallas biss Liri Sterlini elfejn u tnejn u sittin u erbgħa u tmenin *pence* (£2,062.84), li ġew imputati għall-ewwel fattura, u bla ebda raġuni valida naqas li

jħallas il-bilanċ ta' Liri Sterlini elf sitt mija u sitta u tletin u sitta u tmenin *pence* (£1,636.86) u Dollari Amerikani $8,264.81, liema bilanċ bir-rata tal-kambju tal-lum jekwivali għal Lm4,636.37,0; u peress illi l-kreditu ta' l-attur *nomine* għall-imsemmi bilanċ hu ċert, likwidu u esiġibbli, u l-konvenut fil-fehma tas-soċjetà attriċi m'għandu ebda difiża valida opponibbli f'din il-kawża kontra t-talba għall-ħlas ta' dak il-bilanċ, kif jidher mill-*affidavit* anness maċ-ċitazzjoni u mmarkat d dokument E; l-istanti *nomine*, għar-raġunijiet premessi, talab (1) illi din il-Qorti tagħti s-sentenza u tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* bla ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża, kif provdut fl-artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut biex iħallas lill-attur *nomine* l-imsemmi ammont ta' Lm4,636.37,0 dovut kif fuq intqal, bl-imgħaxijiet kummerċjali tas-6% fis-sena kalkulabbli kwantu għall-ewwel fattura mid-data tagħha ta' l-24 ta' Lulju 1977 fuq l-ammont intier u fuq £418.04p mill-25 ta' Lulju 1977 sal-pagament effettiv, u kwantu għaż-żewġ fatturi l-oħra fuq l-ammont intier tagħhom mid-data rispettiva sal-pagament effettiv (l-ammont kollu konvertibbli fi flus Maltin bid-data tal-kambju tal-lum), u bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut;

Rat it-talba tal-konvenut, verbalizzata fl-udjenza tat-3 ta' Novembru 1977, biex jingħata permess mill-Qorti sabiex jikkontesta t-talba, billi huwa ma kellu jagħti xejn lill-attur *nomine;*

Rat id-deċiżjoni tagħha ta' l-10 ta' Novembru 1977, li permezz tagħha ppermettiet lill-konvenut *proprio et nomine*, li jopponi l-azzjoni u li jippreżenta l-eċċezzjonijiet tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li permezz tagħha qal li fil-25 ta' Lulju 1977, huwa ħallas is-somma ta' elf ħames mija u *sitta* u *tmenin* lira u tmenin ċenteżmu (Lm1,586.80,0) għas-saldu *tan-negozju* bejn il-kontendenti, u għalhekk xejn ma huwa dovut *lill*-attur;

Semgħet il-provi prodotti;

Eżaminat id-dokumenti esibiti, kif ukoll l-atti kollha tal-proċess; u,

Ikkunsidrat:

Illi m'hemmx kuntrast bejn il-partijiet li l-konvenut, li jinnegozja taħt l-isem tad-ditta E.J.V. Borg Bors, kien mill-1 ta Frar 1963, distributur esklusiv għal Malta tal-prodott spaċċjat mis-soċjetà attriċi magħruf bħarla *Tia Maria Jamaican Liqueur,* u li din ir-relazzjoni ġiet terminata mis-soċjetà attriċi bi pre-avviż ta' sitt xhur, *permezz ta'* ittra li bagħtet lill-konvenut fl-24 ta' Settembru 1975 (*fol.* 93). Iżda, billi l-konvenut kien diġa' għamel xi ordnijiet li kienu ukoll aċċettati mis-soċjetà attriċi, in-negozju bejn il-partijiet ġie estiż sa Ġunju 1976. Intant, l-ammont pretiż mill-attur *nomine* fiċ-ċitazzjoni jirreferi għall-konsenji li saru sa Mejju 1976; u fil-fatt l-ammont *mitlub* huwa bilanċ tal-prezz tal-konsenji li ġejjin:

*Omissis;*

Illi dawn l-*invoices* kienu għal 200, 100, u 300 kaxxa rispettivament, kontenenti tnax-il flixkun kull waħda; fihom hemm il-kommissjoni li kellha titħallas lill-konvenut imnaqqsa

mill-ewwel, però jinkludu l-ispejjeż tan-noll u ta' l-*insurance*. Il-konvenut, fil-25 ta' Lulju 1977, ħallas, mingħajr preġudizzju għaż-żewġ partijiet, aċċettati akkont ta' l-ammont dovut mill-attur *nomine* u mħallsa għas-saldu skond il-konvenut, is-somma ta' Lm1586.80,0, dak iż-żmien ekwivalenti għal £2,062.84. Din hija r-raġuni għaliex l-attur *nomine* jippretendi li għad fadal bilanċ dovut ta' $8264 u £1,636.86 (*i.e.* l-ammont ta' l-ewwel żewġ *invoices* – £Stg.3,699.70 – imnaqqas bl-ammont imħallas £Stg.2062,84);

Illi kif jidher mix-xiehda tal-konvenut, huwa mhuwiex qed jikkontesta l-fatturi hawn fuq imsemmija, li skond il-konvenut kienu jġibu għall-ammont globali ta' Lm6408.33,0 – imma jippretendi li kontra din is-somma għandhom jiġu paċuti l-ammonti li ġejjin, li hu jippretendi li għandu jieħu mingħand l-attur *nomine*, u ċjoè Lm941.53,0 għar-reklamar li kien għamel, Lm1,000 għal *loss of face*, u Lm2,880 bħala kumpens ekwivalenti għal qliegħ ta' sena – b'kollox Lm4,821.53,0. Infatti, jekk minn Lm6,408.33,0 jiġi mnaqqas dan l-ammont ta' Lm4,821.53,0 jifdal bilanċ dovut ta' Lm1,586.80c – ammont li tħallas mill-konvenut u ġie aċċettat mill-attur *nomine* bla preġudizzju għaż-żewġ naħat; dan sar biex b'hekk jitnaqqas l-ammont tal-kontestazzjoni;

Illi għalkemm il-kompensazzjoni ma ġietx formalment dedotta fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, huwa ovvju li l-eżerċizzju adottat mill-konvenut biex wasal għall-konklużjoni tiegħu dwar kemm suppost kien fadallu jagħti lill-attur *nomine*, huwa dak tat-tpaċija. L-istitut ġuridiku tat-tpaċija huwa rregolat bl-artikoli 1196 sa 1204 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta. Ed.Riv. 1984). Però d-dispożizzjonijiet li jistgħu jkunu rilevanti

għall-każ in eżami huma dawk kontemplati fl-artikoli 1196 u 1197, u sa ċertu l-artikolu 1199. Infatti dan l-aħħar imsemmi artikolu jipprovdi li "It-tpaċija ssir, tkun xi tkun il-kawża tad-dejn il-wieħed u l-ieħor", minbarra fil-każijiet imsemmija espressament fl-istess artikolu; u d-djun allegati mill-konvenut kontra l-attur *nomine* ma jinkwadraw ruħhom taħt l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet kontemplati fl-imsemmi artikoli, u kwindi t-tpaċija tista' ipotetikament tiġi adoperata. Intant it-tpaċija hija wieħed mill-modi li bihom jispiċċaw l-obbligazzjonijiet (art. 1145 Kodiċi Ċivili; u hija effettiva daqs il-ħlas innifsu jiġifieri l-eskuzzjoni ta' l-obbligazzjoni (art. 1146);

Illi l-artikolu 1196 jipprovdi hekk:

"(1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija";

"(2) It-tpaċija ssir *ipso jure,* u ukoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu indaqs";

Imbagħad l-artikolu 1197 ikompli jipprovdi kif ġej:

"(1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli ta' l-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu";

"(2)'Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità";

Illi in tema legali ukoll, ġie ritenut mill-Qrati tagħna li "Il-kompensazzjoni ssir *ipso jure;* u anki mingħajr ma jkunu jafu d-debituri; hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor safejn ikunu ndaqs. Iżda l-kompensazzjoni ma tistax tiġi invokata bħala li operat ruħha *ipso jure* għar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-oħra". Fi kliem ieħor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn żewġ debiti ugwalment likwidi u ċerti. Inoltre, "għalkemm il-likwidità taż-żewġ krediti mhix estrem essenzjali għall-kompensazzjoni ġudizzjali, iżda meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott in kompensazzjoni mhix faċli u spedita, dik il-kompensazzjoni ma għandhiex tiġi faċliment akkolta" (Col.XXXVII.I.490; XVII.III4); u fil-kawża **Ellul vs Scicluna,** App.11-2-1903. (Vol.XVIII.I.79) ġie ritenut li *"L'eccezione della compensazione giudizziale non è ammissibile quando il credito di chi lo deduce sia di lunga liquidazione"* (Vol.XVIII.I.79);

Illi fil-każ in eżami d-dejn tal-konvenut versu l-attur *nomine* jirriżulta sodisfaċentement li huwa wieħed ċert u likwidu, u mhuwiex kontestat mill-konvenut. Mill-banda l-oħra l-krediti li l-konvenut jivvanta kontra l-istess attur la huma ċerti u lanqas likwidi, u hija kontestata saħansitra l-eżistenza tagħhom, partikolarment in kwantu jirreferu għall-kumpens pretiż mill-konvenut minħabba t-terminazzjoni tal-konċessjoni ta' l-aġenzija in kwistjoni. Lanqas ma jista' jingħad li l-likwidazzjoni tagħhom hija ta' faċili spedizzjoni. Fi kwalunkwe każ f'din il-kawża m'hemmx provi suffiċjenti biex il-Qorti tista' tasal biex tiddeċidi adesivament u tilqa' u wisq inqas tikkwantifika l-pretensjonijiet tal-konvenut, u kwindi ma tistax tasal biex tippronunzja ruħha fuq kompensazzjoni ġudizzjali;

Illi għalhekk mill-premess jitnissel li t-talba attriċi għall-kundanna tal-konvenut biex iħallas lis-soċjetà attriċi l-bilanċ dovuti fuq l-*invoices* hawn fuq imsemmija tirriżulta sodisfaċentement pruvata, u għandha tiġi milqugħa fis-somma ekwivalenti f'Liri Maltin għal Stg£1636.86p u għal U.S.$8264,81c, *oltre* l-imgħaxijiet mitlub tas-6 fil-mija fis-sena kalkulabbli kif se jingħad;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, u *invece* tilqa' t-talba attriċi; u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut kif imħarrek iħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm3636.16,0, *oltre* l-imgħax kummerċjali tas-6 fil-mija fis-sena komputabbli u pagabbli kif ingħad fil-korp ta' din is-sentenza;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut;

Tirriserva lill-konvenut kull dritt li jiddeduċi l-pretensjonijiet tiegħu f'ġudizzju *ad hoc, si et quatenus.*